MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Numru 873/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN BORG**

**KONTRA**

**JASON COLEIRO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jason Coleiro ta’ 30 sena, bin Lawrence u Doreen nee’ Bartolo, imwieled Gwardamangia nhar l-24 ta’ Mejju, 1975, residenti fil-fond numru 57, Triq Kent, Fgura, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 326775M;

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ fil-perjodu ta’ bejn Novembru, u Dicembru 1999, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' zewg cekkijiet tal-Bank of Valletta bin-numru 15, u 19, account number 12300340021, ghad-detriment ta' Jacqueline Parnis, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 497475(M);

2. U aktar talli ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' l-oggetti, jew jigbor depozitu, jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u dan bi ksur tal-Artikolu 167(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, imsemmija fl-imputazzjoni numru (2), u dan bi ksur tal-Artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 167(1),169, 308, 309, 310(1), 334, u kif ukoll 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta..

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Jason Coleiro hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti tordna lill-istess imputat ihallas is-somma ta' Lm1,250.00 (elf, mitejn u hamsin lira maltin) sa ghada – 27 ta' April, 2007 lil Roderick Cutajar, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------